MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2014

Talba Numru. 532/2013

**GO plc**
**(C-22334)**

**vs**

**Cannons Daniel John**
**ID-49009(A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija, tnejn u disghin ewro sitta u tmenin centezmu (€792.86c) bhala bilanc rimanenti minn somma akbar in konnessjoni ma' ftehim ta' pagamenti mensili datat 2 ta' Frar, 2012 (AC40101064).

Illi interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 1771/13, u bl-imghaxijiet legali sa mit-23 ta' Lulju, 2013, data tal-imsemmija ittra ufficjali.

Ra d-dokumenti mehmuza, u li gew immarkati minn Dok A sa Dok E.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill- konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija tnejn u disghin ewro u sitta u tmenin centezmu (€792.86c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------